**FIL-QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**L-ONOR. IMHALLEF ANTHONY VELLA**

**Seduta ta' nhar il-Hamis 30 ta' April 2020**

**Rikors nru: 93/2018 AGV**

**AB (ID Nru: 441801L)**
**Vs**
**CD (ID nru: 348888M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **AB** tad- 19 ta'April 2018, fejn ppermettiet u pprezentat is-segwenti;

1. Illi l-kontnendenti huma t-tnejn ta' nazzjonalita' Maltija u kellhom relazzjoni circa ta' hames xhur;
2. Illi minn dina r-relazzjoni twieled EB u dana fl-24 ta' Mejju 2010 kif muri fic-certifikat tat-twelid hawn anness u mmarkat bhala Dok A.
3. Illi l-kontendenti qatt ma kienu mizzewwgin;

4. Illi r-relazzjoni taghhom intemmet meta l-minuri E  kien ghadu lanqas biss twieled;
5. Illi l-minuri E bhala data ta fatt dejjem baqa' fil-kura u kustodja de facto tar-rikorrenti;
6. Illi CD ilu ma jkollu kuntatt regolari mal-minuri E;
7. Illi CD qatt ma kontribiwxxa finanzjarjament ghat-trobbija tal-minuri E;
8. Lli barra minn hekk ir-rikorrenti jkollha problema kbira sabiex tikkuntattja lill-intimat sabiex jiffirma anke dokumenti li ghandhom x' jaqsmu mal-edukazzjoni tal-minuri u ghalhekk qed jinholoq pregudizzju serju fl-konfront tal-minuri;
9. Illi minkejja diversi tentattivi li ghamlet ir-rikorrenti anke permezz ta' diversi seduti ta'  medjazzjoni skont il-Ligi, sabiex tasal fi ftehim mal-intimat dwar il-kura u kutstodja u manteniment  tal-minuri E, dan il-qbil baqa' qatt ma sehh ghax l-intimat qatt ma indenja ruhu jattendi ghas-seduti hlief ghal xi darba;
10. Illi ir-rikorrenti nghatat l-awtorizazzjoni mehtiega minn dina l-onorabbli Qorti, sabiex tipprocedi b' kawza odjerna hekk kif muri mid-dokumenti hawn anness u mmarkat bhala Dok. B.
11. Illi ghalhekk kellha tressaq dil-kawza.

Ghaldaqstant, l-esponenti umilment titlob lil dina l-Onorabbli Qorti jogghgobha;

1. Tordna lir-rikkorenti jkollha s-setgha ta' genitur esklussiva tal-minuri EDB u li ghalhekk hija jkollha s-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri minghajr il-htiega tal-awtorizazzjoni jew kunsens tal-intimat;
2. Tordna illi l-intimat titnehhilu is-setgha ta' genitur minn fuq il-minuri EDB;
3. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, f' kaz illi dina l-Onorabbli Qorti ma thossx lli ghandha tnehhi s-setgha ta' genitur lil-intimat, tordna lir-

rikorrenti jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri Sven u li ghalhekk hija jkollha is-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri minghajr l-htiega tal-awtorizazzjoni jew kunsens tal-intimat;

4. Tordna ill l-intimat ihallas l-manteniment ta' 250 Ewro kull erba' gimaghat flimkien ma' nofs l-ispejjez tas-sahha u edukazzjoni kollha hekk;
5. Tordna illi l-intimat jhallas nofs l-ispejjez ta' delizzju li jista' ikollu l-minuri jekk ikun il-kaz;
6. Tisma' lil-minrui jekk il-Qorti thoss li ghandha taghmel dan.

Bl-ispejjez kollha kontra l-intimat ingunt issa in subizzjoni.

**Il-Qorti rat ir-risposta tal-intimat CD** datata 11 ta' Gunju 2018, fejn espona bir-rispett u ikkonferma li gej;

1. Illi l-intimat gie debitament notifikat bir-rikors guramentat nhar it- 22 ta' Mejju 2018 u in ottemperament maz-zmien stipulat skont il-Ligi qed jipprezenta l-umli risposta tieghu.
2. Illi l-intimat jikkonferma li minn relazzjoni intima li kellhom il-kontendenti, twieled il-minuri EDB nhar l- 24 ta' Mejju 2010;
3. Illi l-ewwel u t-tieni talba tal-attrici ghandhom jigu michuda stante li ma jirrizultawx il-massimi li trid il-Ligi ghat-tnehhija tas-setgha tal-genitur;
4. Illi minghajr pregudzzju ghal-premess, it-tielet talba ghanda tigi michuda ukoll u dan biex ma jezistix il-massimu sabiex l-esponenti jigi mcahhad mill-kura u l-kustodja ta' ibnu;
5. Illi minghajr pregudizzju ghal-premess, fir-rigward tar-raba' talba, l-esponenti jiddikjara li stante li huwa jinstab prezentament bla impjeg, huwa ghalhekk impossibbli ghalih li jivversa l-ammont ta' Ewro 250 kull erba' gimaghat;

6. Illi l-esponenti ma joggezzjonax ghall-akkoljiment tal-hames talba tal-attrici li purche' din tigi cirkoskritta d-debita konusultazzjoni, u l-ispejjez ta' delizzju tal-minuri ma jkunux eccessivi tenut kont tal-intorjtu limitat tal-esponenti;
7. Illi l-allegazzjoni premessa mill-attrici fir-rikors guramentat taghha huwa invertier u intiz sabiex jitfghu dell ikrah fuq l-esponenti u dan kif sejjer jigi ppruvat ahjar fil-kors ta' dil-kawza;
8. Salv eccezzjonijiet ohra talvolta mehtiega u premessi mil-Ligi.

Rat id-digriet moghti *pendente lite* fit-3 ta' Lulju 2018.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet ix-xhieda prodotti.

Rat ir-rapport tal-Agenzija Appogg datat13 ta' Settembru, 2019.

Rat l-atti tal-medjazzjoni numru 970/17, maghluqa fl-20 ta' Frar 2018.

Rat is-sottomissjonijiet bil-miktub tal-partijiet.

**IKKUNSIDRAT**

Illi l-fatti li taw lok ghal din il-kawza kienu s-segwenti. Il-partijiet kellhom relazzjoni bejniethom, minn liema relazzjoni twieled tifel E f'Mejju 2010. Skond l-affidavit tal-attrici, il-konvenut ftit li xejn kien prezenti ghall-minuri, u ghalhekk bdiet dawn il-proceduri. Il-Qorti tosserva li l-konvenut ma ressaq ebda provi in sostenn tar-risposta tieghu, u ghalhekk il-verzjoni ta' fatti moghtija mill-attrici hija l-unika verzjoni li l-Qorti tista' toqghod fuqha. L-attrici qalet li l-konvenut

ma kienx qed ihallas il-manteniment skond id-digriet moghti minn din il-Qorti fit-3 ta' Lulju, 2018, u ma kienx qed jezercita l-access moghti lilu bl-istess digriet. Hi ghamlet riferenza ghal diversi rapporti li saru lill-Pulizija dwar nuqqas ta' hlas tal-manteniment.

Oltre minn hekk, l-Agenzija Appogg kienet giet imqabbda mill-Qorti sabiex tara kif kienet ir-relazzjoni tal-partijiet ma' uliedhom. Il-konkluzjonijiet milhuqa mill-Agenzija qed jigu riprodotti hawn that, u l-Qorti qed taghmel taghha r-rakkomandazzjonijiet li saru mill-istess Agenzija.

Wara li ingabret l-informazzjoni miz-zewg genituri, kif ukoll minghand il-minuri, is-social worker ikkonkludiet li;

1. L-omm tinsisti hafna li jkun hemm access bejn il-minuri u missieru izda fl-istess waqt taghmel diversi allegazzjonijiet li l-missier mhux responsabbli u li meta jkun mal-minuri ma jiehux hsiebu u ma jaghtihx jiekol.
2. Il- missier ma jidhirx li ghandu interess genwin biex jiltaqa' ma' ibnu minkejja li qal li jixtieq aktar access mieghu. Il-missier ammetta li kien hu li waqqaf l-access ma' ibnu u li ricentament hadu ghal sleep over ghamel hekk biex 'jehodlu minn mohhu' u qal ukoll li ma kienx ser jerga' jiehdu minhabba, 'li ma jaqbillux minhabba li ma jhallas manteniment'. Jidher ukoll li l-missier ma jifhimx li parti minn irwol ta' genitur, huwa li tinkoragixxi u tghin lil ulied, billi tehodhom attvitajiet extra kurrikulari;
3. Il-minuri jidher incert jekk jixtieqx iqatta' hin ma' missieru, kien hemm drabi fejn semma' l-istess allegazzjonijiet ta' ommu dwar missieru u kien hemm drabi fejn qal li jixtieq kollu aktar hin wahdu ma' missieru;
4. Jidher li l-kwistjoni u n-nuqqas ta' qbil li ghandhom iz-zewg genituri, specjalment dwar il-manteniment qed jaffettwa l-access bejn il-minuri u l-missier. Iz-zewg genituri jassoccjaw flimkien l-access u l-manteniment u it-tnejn ihossu li jekk ikun hemm access irid ikun hemm manteniment, u

bil-kontra. Minhabba li l-missier qed jghid li ma jistax ihallas manteniment, huwa stess stqarr li qed joqghod lura mill-access ghax 'inkella iddur konrtijja'. Min-naha tal-omm, minkejja li tinsisti ghall-access tishaqq li jekk il-missier ma jridx ihallas manteniment, mhux problema ghaliha basta jieqaf l-access kollu.

Fid-dawl ta' dal-konkluzjonijiet, il-professjonista hija tal-umli fehma li;

1. Iz-zewg genituri jattendu kors tal-Co-parenting ghax ghad hemm pika bejniethom u din zgur qed taffettwa lill-minuri.
2. Il-minuri jkollu access ma' missieru, darba fost il-gimgha ghal tlett sieghat meta ma jkollux attivitajiet ohra. Ghal-ewwel tlett xhur l-access ghandu jsir barra ir-residenza fejn jghix il-missier u jkunu prezenti biss, il-missier, l-minuri E u hu l-minuri biex b' hekk ikun hemm lok li tinbena' r-relazzjoni ta' kwalita' bejn il-minuri u l-missier u huh. B' dal-mod, il-missier ikun jista' juri kemm hu verament jixtieq ikolu access mal-minuri minghajr hafna kundizzjonijiet. Dal-access, ghandu jkun monitored mill-Agenzija Appogg u wara tlett xhur jigi rivedut.
3. L-omm ma ghandix tikkuntatja hi lill-missier, dwra l-access u l-missier ghandu jinforma hu stess lil omm jekk ikun ser jikkancella l-access mal-minuri, sa saghtejn, qabel il-hin tal-accesss.

Mir-rapport tal-Agenzija jidher car li l-minuri ghandu ambjent stabbli fejn qed jghix ma' ommu, izda m'ghandux l-istess sigurta' ma' missieru. Jidher car ukoll li z-zewg partijiet qed jifhmu li l-hlas ta' manteniment ghat-tifel huwa bi tpacija ghall-access. Ghalhekk, jekk ma jigix ezercitat access mill-missier, m'ghandux ghalfejn jithallas manteniment. Apparti li dan il-hsieb huwa ghal kollox skorrett u zbaljat, hija hasra kbira ferm li z-zewg genituri ghadhom ma fehmux il-bzonnijiet tal-wild taghhom, jigifieri li E  ghandu bzonn kemm il-flus tal-

manteniment biex jghix, tal-anqas li jiekol u jilbes u jmur l-iskola, kif ukoll ghandu bzonn il-presenza taz-zewg genituri f' hajtu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi l-Qorti;

Taqta' u tiddeciedi l-kawza billi;

1. Tichad l-ewwel u t-tieni talba.
2. Tilqa' t-tielet talba, u ghalhekk tordna li l-attrici jkollha l-kura u l-kustodja esklussiva tal-minuri E, u li ghalhekk hija jkollha is-setgha illi tiehu d-decizjonijiet kollha rigwardanti l-minuri minghajr l-htiega tal-awtorizazzjoni jew kunsens tal-konvenut.
3. Tilqa' r-raba' talba, u ghaldaqstant tikkonferma d-digriet moghti fit-3 ta' Lulju 2018, kwanu ghall-hlas ta' manteniment, u tordna inoltre li l-istess manteniment joghla b'ghoxrin Ewro (€20.00) fix-xahar kull sentejn, sa ma l-minuri jilhaq l-eta' ta' tmintax-il sena.
4. Tilqa' l-hames talba.
5. Tastjeni milli tiehu konjizzjoni tas-sitt talba.

L-ispejjez ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenut.

**Onor. Anthony G Vella**
**Imhallef**

**Cettina Gauci**
**Dep Reg**